# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 604/2016 PM1**

**Charmaine Grech (K.I. 395776(M))**

**Vs**

**Bason Aluminium Limited (C46478)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Dicembru, elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu ir-rikorrenti talbet li s-socjeta' intimata tigi kkundannata thallas is-somma ta' erbat elef u hamsa u erbghin ewro u erba' centezmi (€4,045.04) rapprezentanti hlasijiet minnha maghmula lis-socjeta' intimata ghax-xoghol u l-installar tal-gallariji tal-fond residenzjali taghha ossija 5, Sea View, Triq l-Iskola, Bahrija, Rabat liema xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti kif ukoll rapprezentanti l-ispejjez li jridu jigu mhallsa mir-rikorrenti sabiex dawn il-gallariji jinqalghu, bl-ispejjez u bl-imghax

skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz (fol. 6 et. seq tal-process), ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tal-25 ta' Jannar, 2017, tas-6 ta' Frar, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-6 ta' Frar, elfejn u sbatax (2017) u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess attrici is-somma ta' erbat elef, hamsa u erbghin ewro u erba' centezmi (€4,045.04) rapprezentanti hlasijiet maghmula mill-attrici lill-istess socjeta' intimata ghax-xoghol u l-installar tal-gallariji tal-fond residenzjali taghha liema xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha kif ukoll rapprezentanti l-ispejjez li jridu jigu mhallsa mill-attrici sabiex dawn il-gallariji jinqalghu, bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament ukoll kontra l-istess socjeta' intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**